u jkun fih xi ftit mirja ta' ittri għal kull-wieħed u waħda minnhom, u għal kull ħabta u għal kull ħtieġa ta' ħajjithom.

Jiġuna f'idejna ittri ta' rġiel u ta' żgħażagħ imsefrin fil-bogħod, li jixtiequ jfissru mħabbithom lin-nisa tagħhom lil ommijiethom, lil uliedhom, lil ħuthom. Bejn vers u ieħor, bejn kelma w-oħra, inti tħoss li hemm qalb li tixtieq, li tħabbat, li tħobb; u l-mara, l-omm, l oħt u l-bint li tieħu dawk l-ittri, tissabbar, titniehed, titgħaxxaq, tifraħ bihom. Iżda l-ittri, bħala ittri, bħala sura ta' kitba li titlob ir-reqqa kollha tas-sengħa, iġibulek ħniena; l-ebda qies, l-ebda tifsila, l-ebda ħjiel ta' kif għandha tinkiteb din il-ktejba li fiċ-ċokon tagħha tiġbor l-aqwa, l-akbar u l egħżeż siltiet tal-ħajja. Ħsebijiet maħsudin fin-nofs, mifrudin, imqabbżin, imħabblin: dak li jmissu quddiem qiegħed wara, jew fin-nofs; it-tislija li aktarx għandha tkun fil-għeluq, issibha quddiem nett, u ħafna ħwejjeġ żgħar, li jorqmu, iżejnu u jsebbħu l-ittra, ma jidhru mkien.

Dan iżda ma hux l-agħar: mhux darba u tnejn jaslu ittri mingħajr data u mingħajr il-post fejn intefgħu, li, minflok sabar u ferħ, iġibu xi drabi it-tferfir tal-qalb, għax min jeħodhom ma jkunx jista' jwieġeb.

Iżda l-akbar ħsara tiġi minn li l-kliem jitqiegħed bla qies u bla ħsieb, u li għelm-il-waqfiet (punteggiatura) jitqiegħed ħażin, jew ma jitqiegħed xejn, Hekk il-fehma ta' l-ittra tista' titbiddel, tinqaleb, u l-ittra tista' twassal ħbar, tagħrif, talb jew ħsieb xort'oħra minn dak li min jikteb l-ittra jkun jithem, u ġġib dwejjaq flok sabar, jew ittellef xi għinuna bosta drabi meħtieġa u mixtieqa.

L-ilsna kollna magħrufa għandhom kotba ta' din is-



sura; u tgħaxxqek is-sengħa li min jikteb dawk l-ittri għandu biex ifisser kull ma wieħed jeħtieġ, iħoss jew jixtieq; bi kliem xieraq, meqjus, u ħelu, illi la jidrob meta jati ħbar ħażina, anqas ma jaħsad meta jati waħda tajba. Kollox f'postu, kollox f'siktu, kollox imqassam bil-għaqal, bid-dehen u bil-ħajr kif jitolbu d-dwar li fihom wieħed jinsab.

Aħna nħossu illi dan il-ktieb jonqosna bil-kbir, mhux biss għall-ġieħ u għaż-żina ta' lsienna, iżda wkoll u aktar għall-hena u s-sliema ta' ħutna l-Maltin li ma jafux b'ilsna oħra.

## L-ID TA' L-IMGĦALLEM

*"A butterfly's wing suffices to make me acknowledge God"*
*Diderot.*

*(Mill-ktieb "Facts for Freethinkers" ta' H. Schunck)*

M'għandix għalfejn inħares lejn is-sema
fejn tħabbat bla mistrieħ il-qalb tal-kwiekeb;
anqas lejn l-Art li tgħolli l-iġbla w-tifrex
bla truf il-baħar:

fiċ-ċkejken, bħal fil-kbir, tidher il-fehma
tal-Għerf li żewwaq il-ħolqien: għalija
biżżejjed ġewnaħ ta' farfett biex nagħraf
l-id ta' l-Imgħallem.

16-5-33 Dun KARM.